**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Francis Bugeja**
**Tyson Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru: 995/14**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francis Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 119687M u kontra Tyson Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 414895M akkuzati talli fit-13 t'Ottubru 2014 ghall-habta tal-22:00 ta' filghaxija, gewwa Haz-Zebbug;

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci, iwrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu

ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, maghmul b'arma regolari jew inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;

Lil Francis Bugeja wahdu talli:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Doreen Clarke LL.D., f'dan li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Francis Bugeja u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bhala depositu u 10,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. U aktar talli ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' 3 xhur prigunerija sospizi ghal 4 snin moghtija mill-Magistrat Francesco Depasquale LL.D.

Lil Tyson Bugeja wahdu talli:

kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., f'dan li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmiTyson Bugeja u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 1000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli z-zewg imputati rrendew ruhhom ricedivi b'diversi sentenzi moghtija tal-Qorti tal-Magistrati; liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojibixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Yurgen Gauci u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat Francis Bugeja li hija wahda refrattarja;

Rat il-fedina tal-imputat Tyson Bugeja li fis-sena 2013 kien kiser il-kundizzjonjiet tal-liberta` provizorja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputati;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat offiza gravi maghmula b'arma jew bi strument bil-ponta fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci fit-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) gewwa Haz-Zebbug.

Illi fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) l-Ufficjal Prosekutur, **l-Ispettur Kylie Borg**, ipprezentat certifikat mediku ta' Yurgen Gauci (Dok. KB6), l-istqarrija ta' Francis Bugeja (Dok. KB7), vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' Tyson Bugeja (Dok. KB9), vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' Francis Bugeja (Dok. KB10) u kif ukoll l-istqarrija ta' Tyson Bugeja (Dok. KB11).

Illi fix-xhieda taghha l-Ispettur Kylie Borg qalet li bejn il-lejl tat-tlettax (13) u l-erbatax (14) t'Ottubru elfejn u erbatax (2014) giet infurmata minn PS362 li kienet sehhet glieda fi Triq Wied Qirda fejn kien hemm xi nies feruti. L-Ufficjal Prosekutur xehdet li mill-investigazzjonijiet taghha rrizulta li l-glieda kollha bdiet minn certa Wendy. Hija kelmet lil Wendy li qalet li huha (Yurgen Gauci), l-gharusa tieghu, ommha u missierha kienu marru ghandha minhabba li kien hemm xi dizgwid dwar it-tifel taghha. Fil-post

taghha kien hemm Natasha Bugeja li tigi oht l-gharus taghha, l-imputat Francis Bugeja. Wendy qalet lill-Ispettur li Natasha kienet ghamlet telefonata ma tafx lil min u telqet mill-flat. L-Ufficjal prosekutur tkellmet ukoll ma' Diane Cachia (l-gharusa ta' Yurgen Gauci). Diane qaltilha li l-argument spicca hemm u telqu minghand Wendy u rikbu l-vettura taghha u kif kienu ser jitilqu waslet vettura BMW hdejhom b'velocita` qawwija fejn spiccat dahlet fil-vettura taghha. Skont Diane Cachia hargu zewg persuni mill-BMW fejn wiehed minnhom (Francis Bugeja) mar fuq Yurgen Gauci mentri l-iehor mar fuq wara tal-BMW u hareg oggett li ddeskriviet bhala nofs qamar bil-manki u bih rat lil dan il-guvni l-iehor jaghti daqqiet fuq dahar l-gharus taghha Yurgen Gauci. Skont ma qalet Diane Cachia kif gara hekk iz-zewgt irgiel telqu bil-mixi u l-mara li kienet maghhom dahlet fil-karozza u saqet warajhom. Dak il-hin rat lill-imputat mal-art u bdiet tghajjat lil Wendy li kienet fil-gallarija sabiex iccempel ambulanza li da parti taghha ma riditx iccempel. L-Ispettur kompliet tghid li tkellmet mal-parte civile Yurgen Gauci li qalilha li kien jaf lill-imputati mhux personalment izda minn fuq *facebook.*

L-Ispettur ghaddiet ghall-arrest tal-imputati fejn hadet ukoll stqarijja ta' Francis Bugeja waqt li kien l-Isptar. Francis Bugeja kien qal lill-Ispettur illi kien huwa l-vittma f'dan l-incident stante li Yurgen Gauci tah daqqiet f'idejh b'turnavit. Qal li Yurgen Gauci resaq vicin tieghu, imbuttaw lil xulxin imbaghad l-istess Yurgen Gauci tah xi daqqiet bit-turnavit. Francis Bugeja qal li ma kienx jaf kif l-parte civile spicca b'daqqiet f'ghonqu u f'dahru. Francis Bugeja kkonferma li kien hu flimkien ma' huh, Tyson Bugeja, u ommu fil-BMW. L-Ispettur hadet ukoll il-verzjoni tal-imputat Tyson Bugeja li taha verzjoni kemm xejn differenti. Tyson Bugeja nnega li kien fil-BMW ma' huh u qal li ma kien jaf xejn fuq il-glieda li kienet sehhet gewwa Haz-Zebbug peress li kien qed jara l-loghba tat-Taljani. L-Ispettur qalet ukoll li Tyson Bugeja minn wara l-ewwel *half* tal-loghba ma kienx jaf jghidilha x'ghamel u di fatti nesa kompletament x'ghamel. Meta l-Ispettur ikkonfrontat lil Tyson Bugeja dwar il-kundizzjoni ta' rinkazar l-imputat qal li kien qed jobdi l-kundizzjonijiet u meta hija qaltlu li huh (Francis Bugeja) qalilha li kienu flimkien fil-BMW meta kien hemm il-glieda Tyson Bugeja qal li huh mignun.

Xehed ukoll **PS 362 Wayne Borg** li stqarr li nhar it-tlettax (13) t'Ottubru elfejn u erbatax (2014) kien mar fuq il-post tal-incident ma' membri tal-RIU fejn sabu zewg persuni (Nazzareno Gauci u Yurgen Gauci) mal-art. Skont ix-xhud Yurgen Gauci kellu daqqa ta' xi haga go dahru fejn kellu ammont ta' demm hiereg. Membru tal-RIU kien qal lix-xhud li malli wasal kien hemm persuna b'ferita f'idejh li telaq f'ambulanza u ma rahx izjed. Mill-istharrig tieghu x-xhud jghid li kien hemm persuni li nizlu mill-vetturi taghhom li kellhom xi jghidu ma' Nazzareno u Yurgen Gauci fejn dawn it-tnejn sofrew griehi u baqghu mal-art. Ix-xhud jghid li ma nsabu l-ebda armi fuq il-post.

Illi l-imputat **Francis Bugeja** fl-stqarrija tieghu (Dok. KB7) jghid li kien ghand ommu (il-Birgu) flimkien ma' huh Tyson Bugeja meta f'hin minnhom cemplet ohtu Natasha fuq il-mobile tieghu u qaltlu li kienet ghand Wendy (it-tfajla tieghu) fejn hu Wendy, ommha u missierha kienu qed jghajruha mit-triq. L-imputat qal li kien ilu hmistax johrog ma' Wendy. Regghet cemplet Natasha din id-darba lil ommha fejn qalet li kienu faqghu l-bieb t'isfel u anki dak ta' fuq ta' l-appartament u qabdu jiggieldu bis-siggijiet u qabdu lil Natasha minn xaghrha u wara telqet tigri 'l barra. L-imputat

dak il-hin qal lil ommu biex imorru ghaliha. Hu flimkien ma' huh (Tyson Bugeja), ommu u zewgt itfal dahlu f'BMW X5 ta' lewn griz skur u marru Haz-Zebbug. L-imputat jghid li hu kien qed isuq u ommu kienet passiggiera mentri Tyson kien fuq wara tal-vettura. X'hin waslu jghid li ma kien hemm hadd. Ikompli jghid li kif fetah il-bieba giet karozza bajda zghira li baqghet diehla go fihom. Mill-vettura bajda hareg guvni liebes beritta u ragel xih u mara li kellha ftit zmien. L-imputat jghid li kif saqu ghal go fihom hu hareg min-naha tal-passiggier u biex hareg imbotta lil ommu. Sakemm hareg jghid li l-persuna tal-beritta gie quddiem il-BMW u beda joffendih u jghajjatlu 'Pajs'. L-imputat qal li ma jafux. Imbaghad l-imputat jghid: *"Tajna s-salt ghal go xulxin"* fejn l-imputat zelaq u l-persuna tal-beritta giet fuqu. Meta mbuttah minn fuqu l-imputat jghid li hass xi haga tahraq ma' jdejh. Neza' l-flokk u dawru ma' jdejh, qam u mar jigri 'l isfel fil-*main road*. Ir-ragel ix-xih mar jigi warajh b'gebla f'idu fejn imbaghad waslu tal-RIU. Izid jghid li waqt li kien qed jigi msawwat jahseb li ommu u Tyson hemmhekk kienu. Jghid li Tyson baqa' jigri mieghu fit-triq mentri ommu giet warajhom bil-vettura. Fuq domanda tal-Ispettur l-imputat qal li ma jafx kif il-persuna tal-beritta spicca b'daqqiet go ghonqu u go dahru. L-imputat jikkonferma li huwa

ghandu kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Huwa qal ukoll li dawn il-persuni qatt ma kien rahom qabel. Meta gie mistoqsi minn fejn giet l-arma l-imputat qal: *"L-anqas tieghi ma naf minn fejn giet ahseb u ara tal-guvni."* Meta mistoqsi jekk huh Tyson laqtu waqt li kien qed jolqot lill-guvni qal: *"Le,l-iehor xi tornavit kellu f'idu ghax irqiq u twil kien."*

Illi l-imputat **Tyson Bugeja** fl-istqarrija tieghu nnega li kien Haz-Zebbug u nnega wkoll li kien involut f'glieda. Meta mistoqsi fejn kien bejn it-8pm u l-11pm qal li kien id-dar. Meta mistoqsi kif qatta' l-lejl qal: "*Ma niftakarx. Naf li kien hemm loghba bejn Malta u l-Italja u fl-ewwl half kienu 1-0. Il-bqija l-anqas naf x'kilt ilbierah.*" Innega li mar ma' huh u ommu u qal li huh mignun jekk qal li kien mieghu. L-imputat kompla jichad kull suggeriment tal-Ispettur fejn kompla jghid li ma kienx ma' huh u ommu. L-imputat jikkonferma li ghandu kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fejn ghandu jirrinkaza bejn it-8pm u s-7am. Waqt l-istqarrija l-imputat qal li m'ghandux ghalfejn jibza' ghax il-Pulizija sabuh id-dar rieqed meta marru ghalih fin-12:30am. L-imputat insista li l-Ispettur tikteb li huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' dan kollu.

Illi mic-certifikat mediku esebit bhala Dok. KB6 jirrizulta li nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) gie ezaminat Yurgen Gauci mit-tabib Dr. Rebecca Galea fejn il-griehi li sofra gew kostatati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

Illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) ix-xhieda Nazzareno Gauci u Diane Cachia ghazlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx ruhhom.

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) t'Ottubru elfejn u erbatax (2014) xehed il-parte civile **Yurgen Gauci** fejn qal li xi gimghatejn meta mar id-dar sab lil ommu tibki ghax rat lil bintha (Wendy Gauci) f'ritratt ma' Francis Bugeja. Imbaghad hu flimkien ma' ommu, missieru u l-gharusa tieghu (Diane Cachia) telqu mid-dar t'ommu u marru fejn toqghod Wendy gewwa Haz-Zebbug. Qal li daqqew il-horn izda Wendy ma fethitx. Il-parte civile jghid li marru hemm minhabba t-tifel ta' Wendy. Peress li ma fethitx il-bieb Yurgen jghid li sgassa l-bieb t'isfel u telghu fejn Wendy fethet il-bieb tal-appartament taghha. Hemmhekk sabu lil Wendy, it-tifel taghha rieqed fuq is-sufan u certu Natasha Bugeja li lehqet nizlet isfel. Skont il-parte civile Wendy bdiet tghid kliem oxxen, imbaghad

gew fl-idejn u meta Wendy wadbet siggu telqu kollha 'l barra. Regghu dahlu fil-vettura tal-gharusa tieghu meta f'daqqa giet BMW griza b'velocita` u baqghet diehla gol-vettura tal-gharusa tieghu. Yurgen Gauci jghid li Francis Bugeja kien qed isuq il-BMW u mieghu kien hemm Tyson Bugeja u mara bit-tfal. Il-parte civile gharaf lill-imputati fl-awla. Kompla jghid li x'hin nizel mill-vettura staqsa lil Francis Bugeja ghalfejn ghamel hekk fejn Francis Bugeja spicca tah daqqa ta' ponn bejn imniehru u xuftejh. Il-parte civile jghid li dawk li kienu mieghu (u cioe` Diane, ommu u missieru) raw lil Tyson Bugeja jgib xi haga minn gol-bagoll u jaghti lil Yurgen daqtejn go dahru b'dan l-oggett. Da parti tieghu l-parte civile jghid li ra lil Francis Bugeja li tah daqqa ta' ponn imbaghad hass qisu dehxa go dahru ghax tawh *"b'xi haga imma ma nafx x'kienet din ix-xi haga jiena."* Yurgen Gauci jghid li kien Tyson Bugjea li tah din id-daqqa ghaliex Francis u Tyson kienu hargu mill-vettura u Francis kien quddiemu pero` dan l-oggett jerga' jghid li ma rahx b'ghajnejh. Dak il-hin jghid li ra lil ommu se taqa' mal-art b'hass hazin u mar hdejha. Mistoqsi jekk lil Francis Bugeja ralu xi haga f'idejh Yurgen Gauci jghid: "*assolutament ma nafx".* Jghid ukoll li bdew jixxutjawlu rasu waqt li kien mal-art pero` m'ghandux idea min.

Illi l-parte civile **Yurgen Gauci** rega' gie prodott mill-prosekuzzjoni fis-seduta tad-disgha (9) ta' Frar elfejn u hmistax (2015) fejn qal li huwa jixtieq jahfer lill-imputati u meta mistoqsi jekk iridx ikompli bil-proceduri qal: *"Le, le rrid iwaqqaf kollox.*" Jghid li l-affari mietet u llum il-gurnata huma hbieb.

Illi xehed l-espert **Dr. Mario Scerri** li kien ezamina lill-imputat Francis Bugeja u lill-parte civile Yurgen Gauci. Mir-relazzjoni tal-espert (Dok. MS1) jirrizulta li Yurgen Gauci kellu lacerazzjoni fuq dahru li baqghet superficjali u nefha fuq imniehru pero` ma kienx hemm fratturi. Dawn il-griehi gew iklassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. L-imputat Francis Bugeja kellu incizjoni fuq il-polz tal-id ix-xellugija fejn kellu *cut tendon* li tikkwalifika bhala ferita gravi *per durata*.

Illi xehdet l-esperta **Dr. Marisa Cassar**, li kienet giet mahtura mill-Qorti sabiex taghmel analizi tad-DNA fuq il-kampjuni mghoddija lilha, fejn ipprezentat ir-relazzjoni taghha (Dok. MC1).

Xehdu **PS404 Paul Camilleri** u **PC1331 Darren Debattista** li esebew ir-relazzjoni taghhom (Dok. PC1). Minn din ir-relazzjoni l-Qorti

nnutat li fuq il-post saret tficcija ghal xi arma li setghet intuzat izda tali tficcija kien fin-negattiv.

Xehed ukoll il-**Perit Valerio Schembri** li esebixxa r-rapport tieghu (Dok. VS1) fejn hejja pjanta tal-akkwati tat-triq fejn sehh l-incident inkwistjoni.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) rega' xehed **PS 362 Wayne Borg** fejn qal li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) kien stazzjonat ma' PC1255 gewwa l-korsa l-Marsa fejn ghall-habta tad-9:30 ta' filghaxija qal li ra lill-imputat Francis Bugeja hiereg mill-korsa. Ix-xhud qal li ma kellimx lill-imputat peress li ma kienx cert dwar il-hinijiet ta' rinkazar.

F'dan is-sens xehed ukoll **PC1255 Christian Azzopardi** li qal li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) kien stazzjonat il-korsa l-Marsa fejn innota lil Francis Bugeja hiereg mill-korsa ghall-habta tad-9:30pm. Ix-xhud jghid li ma marx ikellem lil Francis Bugeja peress li ma kienx jaf ezattament x'kienu l-kundizzjonijiet tieghu tal-helsien mill-arrest.

Illi l-Ufficjal Prosekutur esebiet tlett sentenzi inkwantu tal-addebitu tar-recidiva (Dok. XYZ1, XYZ2 u XYZ3).

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi x'tipproduci.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) id-difiza ddikjarat li f'kaz ta' sejbien ta' htija ma ssibx oggezzjoni li l-imputati jinghataw xoghol fil-komunita`u ghaldaqstant il-Qorti ordnat komunika lid-Direttur tal-Probation Services sabiex isir assessment tal-imputati.

Illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) dehru l-ufficjali tal-Probation Annabel Bugeja u Donnalise Camilleri. Minkejja dan fl-istess seduta d-difiza rrilevat illi xoghol fil-komunita` ma japplikax ghall-imputati u ghalhekk m'hemmx il-htiega li l-ufficjali tal-Probation jaghtu d-deposizzjoni taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li l-akkuza principali u dik li tolqot liz-zewg imputati, hija dik tat-tentattiv tad-delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci b'xi tip ta' arma jew strument li jaqta' (Artikoli 41 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi apparti r-rapporti peritali esebiti mill-esperti nominati mill-Qorti, il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali jikkonsistu fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, ta' PS 362 Wayne Borg u tal-parte civile Yurgen Gauci. Il-Qorti tinnota li hadd iktar mix-xhieda li kienu fuq il-post tal-incident fid-data inkriminata ma xehdu f'dawn il-proceduri u lanqas l-imputati stess ma xehdu. Apparti minhekk l-Ispettur Kylie Borg xehdet biss fuq dak li qalulha terzi persuni u ghalhekk ix-xhieda taghha tikkonsisti biss f'*detto del detto*. Ix-xhieda ta' PS362 Wayne Borg, ghalkemm kien mar fuq il-post tal-incident, ma taghti l-ebda dawl fuq id-dinamika tal-incident u dan peress li l-glieda kienet diga` spiccat meta wasal fuq il-post.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tibbaza ruhha fuq ix-xhieda tal-parte civile Yurgen Gauci.

Illi dwar it-tentattiv tad-delitt ta' offiza gravi jirrizulta mix-xhieda tal-parte civile illi wara li sehhet il-glieda, u cioe` wara li qala' daqqa ta' ponn u daqqa fuq dahru, huwa mar immedjatament hdejn ommu ghaliex ra li kien ser itiha hass hazin. Il-parte civile bl-ebda mod ma qal li harab mill-imputati jew li gie missieru sabiex iwaqqaf lill-imputati milli jkomplu jtuh id-daqqiet. Lanqas ma kien il-kaz li l-imputati waqfu milli jiggieldu ghaliex waslu tal-RIU fuq il-post tal-incident. Il-parte civile donnu jaghti l-impressjoni li kien hemm glieda ta' ftit sekondi u ezatt wara mar hdejn ommu biex jaghtiha l-ghajnuna. Difatti mill-istqarrija tal-imputat Francis Bugeja jirrizulta li huwa u huh Tyson Bugeja telqu jigru 'l isfel fit-triq 'il-boghod mill-post tal-incident. Ghalhekk il-Qorti mhijiex konvinta li l-imputati ma setghux ikomplu fit-twettiq tad-delitt minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, anzi hija tal-fehma li kienu l-imputati stess li telqu mix-xena tad-delitt minn jeddhom.

Illi rigward l-offiza gravi taht l-Artikolu 217 maghmula b'arma regolari jew strument li jaqta', il-parte civile jghid li Francis Bugeja tah daqqa ta' ponn bejn xuftejh u mniehru mentri Tyson

Bugeja tah daqqa fuq dahru fejn donnu hass qisu dehxa izda ma jafx biex tah id-daqqa peress li huwa stess ma ra xejn.

Illi l-Qorti immedjatament tinnota li c-certifikat esebit mill-Ufficjal Prosekutur (Dok. KB6), liema certifikat ma giex ikkonfermat bil-gurament mit-tabib relattiv, jitkellem dwar griehi hfief u mhux gravi. Illi l-espert Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu (Dok. MS1) ukoll jikklassifika l-griehi tal-parte civile Yurgen Gauci bhala griehi hfief.

Illi ghalhekk ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni ta' 'offiza gravi fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci'.

Illi sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 217 l-offiza trid tigi maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv. Kif diga` nghad il-parte civile stess jghid li hass dehxa go dahru ghax tawh b'xi haga izda jghid li din il-haga ma jafx x'kienet. Fix-xhieda tieghu jerga' jghid li dan l-oggett ma rahx b'ghajnejn. Apparti minn hekk il-parte civile meta mistoqsi jekk Francis Bugeja kellux oggett f'idejh jghid li assolutament ma

jafx jekk kellux xi haga f'idejh. Illi rinfaccjata b'tali dikjarazzjoni fejn il-parte civile stess ma ra l-ebda arma, il-Qorti ma tistax tkun konvinta li ntuzat arma jew xi tip ta' strument waqt il-glieda inkwistjoni.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-ebda arma ma nstabet fuq il-post u dan skont ir-rapport tal-espert PC1331 Darren Debattista u anki skont ix-xhieda ta' PS 362 Wayne Borg.

Illi ghalhekk ma jirrizultawx l-elementi tal-Artikoli 41 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ma jistax jinghad illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova oltre d-dubju dettat mil-ligi tali akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati.

Minkejja dan il-Qorti xorta wahda hija konvinta mix-xhieda tal-parte civile Yurgen Gauci li sehhet glieda u li minn din il-glieda sehhet offiza fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci. Ix-xhieda tal-parte civile kien car f'dan is-sens u ghalhekk il-Qorti hija konvinta li Yurgen Gauci ssubixxa daqqa ta' ponn minghand l-imputat Francis Bugeja u daqqa fuq dahru minghand l-imputat Tyson Bugeja. Illi peress li l-Qorti mhijiex marbuta toqghod fuq l-

Artikoli tal-Avukat Generali, l-istess l-Qorti hi tal-fehma li l-offiza li saret fuq il-persuna ta' Yurgen Gauci tikkonsisti f'offiza ta' natura hafifa taht l-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali u *semmai* l-imputati ghandhom jinstabu hatja ta' dan ir-reat liema reat huwa kompriz fir-reat kontemplat taht l-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali.

Illi f'dan ir-rigward pero` l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-istess parte civile rega' xehed fil-proceduri odjerni (seduta tad-disgha (9) ta' Frar elfejn u hmistax (2015)) fejn iddikjara li huwa qed jahfer lill-imputati u li jrid iwaqqaf il-proceduri odjerni. Qal ukoll li llum il-gurnata huwa u l-imputati huma hbieb.

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni da parti tal-parte civile l-Qorti tinnota li l-offiza hafifa fuq il-persuna kontemplata taht l-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali hija offiza rinunzjabbli u ghalhekk il-gudikant ma jistax jipprocedi billi jsib htija fil-konfront tal-imputati taht l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputati wahedhom ukoll ma gewx ippruvati mill-prosekuzzjoni u dan minkejja li gew prodotti zewg ufficjali tal-Pulizija sabiex jixhdu fil-konfront ta' Francis Bugeja. Il-Qorti tirrimarka li l-akkuzi odjerni ma jirreferux ghad-data meta l-ufficjali tal-Pulizija raw lill-imputat Francis Bugeja barra waqt il-hin li fih kellu jirrinkaza.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati Francis Bugeja u Tyson Bugeja hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberahom minnhom.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**